**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 12 ta' Ottubru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jean Paul Attard)**

**Vs**

**GONZALO – NOEL SANCHEZ FERNANDEZ**

**KUMP NU : 295/2022**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Gonzalo–Noel Sanchez Fernandez**, detentur tal-karta tal-identita` Spanjola bin-numru 47659704R, fejn gie akkuzat talli nhar il-31 ta' Mejju 2022 ghall-habta ta'

bejn id-disgha ta' filghaxija (21:00hrs) u l-hdax ta' filghaxija (23:00hrs) u/jew fil-hinijiet ta' qabel gewwa l-Gzejjer Maltin:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' Lorenz Meister f'periklu car, ikkagunajtlu hsara fil-gisem jew fis-sahha tieghu, liema griehi huma ta' natura gravi skond kif iccertifikat minn Dr. Joanna Galea (MD 4588) ta' Mater Dei;

2. Fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Sudip Dey Sarkar u kkagunalu offiza ta' natura hafifa skond kif iccertifikat minn Dr. Andrew Richard Hall (MD 4737) tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

3. Fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Edoardo De Liso u kkagunalu offiza ta' natura hafifa skond kif iccertifikat minn Dr. Ryan Camilleri (MD 3672) ta' Mater Dei, liema offiza sehhet bi strument li jaqta' jew iniggez;

4. Fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Alessandro De Liso u kkagunalu offiza ta' natura hafifa skond kif iccertifikat minn Dr. Ryan Camilleri (MD 3672) ta' Mater Dei, liema offiza sehhet bi strument li jaqta' jew iniggez;

5. Fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq vettura ta' ghamla Ford bin-numru ta' registrazzjoni DLY 181 liema hsara ma tammontax ghal aktar minn €250 ghad-dannu ta' Anil Qadir.

6. Fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq vettura ta' ghamla Audi bin-numru ta' registrazzjoni LUC 186 liema hsara ma tammontax ghal aktar minn €250 ghad-dannu ta' Lucretia Hili.

7. Fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma' titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorità kompetenti.

8. Fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi waqt l-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

9. Fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

10. Fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kont fis-sakra b'mod li ma kontx tista' tiehu hsieb tieghek innifsek.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda li xehedu sa issa;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Qieset li nvista ta' din d-dikjarazzjoni ta' l-imputat, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li ma kellux iktar provi x'jipproduci.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

In effetti, irrizulta car f'dan il-kaz illi nhar il-31 ta` Mejju 2022, ghall-habta tal-10.15pm, go Triq Wilga, kantuniera ma Triq Dragunara, San Giljan, l-imputat bhala l-aggressur, f'daqqa u l-hin, minghajr ebda provokazzjoni, qabad jattakka xi nies li kienu, kemm qed jieklu f'ristorant bl-isem Fumo, kif ukoll ohrajn li kienu jinsabu fit-triq. Waqt dan kollu, l-aggressur uza flixkun/fliexken tal-hgieg, u ghamel hsara fuq zewg vetturi. Apparti li kkaguna, fuq numru ta` persuni, feriti gravi u hfief, skont kif determinat fl-imputazzjonijiet.

Bl-ammissjoni ta` l-imputat, u bil-provi mressqa, l-kaz tal-prosekuzzjoni gie ppruvat skont il-Ligi.

**Ikkunsidrat;**

Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis din l-ammisjoni tal-imputat bhala wahda bikrija u li ghandha tattira riduzzjoni fil-piena, kemm bi grad u possibilment anki b'zewg gradi, u dana tenut kont ta` kemm kien ikun ghad fadal hin x'jigi kkonsmat li kieku kellhom jingiebu l-provi kollha li ghad fadal; tant allura li dan il-hin ser jigi ffrankat u mhux ser ikun hemm hela ghall-erarju pubbliku

Naturalment, il-piena li ghandha tigi nflitta trid tkun dik li tirrifletti l-fatti l-kaz li hu, u l-konsegwenzi li halla dan il-kaz fuq il-vittmi.

**KONKLUZJONI.**

GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 95, 96, 214, 216(1)(B), 217, 218(1)(B), 325(1)(C), 338(DD), 338(FF) U 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib u tiddikjara lil **Gonzalo–Noel Sanchez Fernandez** hati, fuq ammissjoni tieghu stess, tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` erbgha (4) snin prigunerija.

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti, l-ispejjez skond il-Ligi. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur